



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' April 2022
(OR. fr, en)

7768/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0006(NLE)

JEUN 38
EDUC 113
EMPL 122
SOC 195
COHAFA 38
SUSTDEV 73

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6923/22 REV 1	
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġħ madwar l-Unjoni Ewropea (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġħ madwar l-Unjoni Ewropea, kif adottata mill-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fil-5 ta' April 2022.

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar il-mobilità ta' volontiera żgħażaġh madwar l-Unjoni Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

1. Fil-15 ta' Settembru 2021, fl-indirizz tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea¹ l-President tal-Kummissjoni Ewropea ħabbret li l-Kummissjoni Ewropea ser tipproponi li ssemmi l-2022 is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, "sena ddedikata għall-valorizzazzjoni taż-żgħażaġh li ssagrifikaw tant għall-oħrajn". Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ għandha l-għan, fost affarijiet oħra, li "tappoġġa liż-żgħażaġh biex jiksbu fehim aħjar tad-diversi opportunitajiet disponibbli għalihom mill-politiki pubbliċi fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, u tippromwovihom b'mod attiv, sabiex tappoġġa l-iżvilupp personali, soċjali, ekonomiku u professjonali tagħhom f'dinja ekoloġika, diġitali u inklużiva, filwaqt li timmira li tneħħi l-ostakli li jkun fadal biex iseħħ dan".²

¹ https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/soteu_2021_address_en_0.pdf

² Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022), ĠU 462, 28.12.2021, p. 1-9.

2. Kif inhu enfasizzat fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażaġh u fuq l-isport (2020/2864(RSP))³ iż-żgħażaġh huma fil-qalba tal-attivitajiet motivati mis-solidarjetà biex iwieġbu għall-ħtiġijiet fil-komunitajiet tagħhom fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, minn tmexxija ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-ħidma fuq quddiem nett bħala parti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, għal inizjattivi oħra ta' volontarjat.
3. Permezz tal-azzjonijiet tagħhom ta' volontarjat fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u skemi oħrajn, iż-żgħażaġh qegħdin jeffettwaw fil-prattika l-Preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jenfasizza x-xewqa tal-firmatarji li japprofondixxu s-solidarjetà bejn il-popli tal-Ewropa, l-Artikolu 2 TUE, li jsemmi s-solidarjetà bħala waħda mill-valuri komuni għall-Istati Membri, kif ukoll l-Artikolu 3 TUE, li jsemmi li l-għan tal-Unjoni huwa li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-popli tagħha. L-azzjonijiet tagħhom ta' volontarjat għall-għajnuna umanitarja jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-paċi fl-Ewropa u fid-dinja, u għar-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem.
4. L-esperjenzi mas-Servizz Volontarju Ewropew (mill-1996 sal-2018) u mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, filwaqt li rnexxew, urew il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat aktar il-volontarjat tranżnazzjonali, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet. F'dan il-kuntest, il-Kunsill talab rieżami tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea ("ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2008") sabiex jissaħħaħ il-potenzjal tal-Programmi Ewropej għaż-Żgħażaġħ li jilhqqu liż-żgħażaġh u li jgħinu fil-bini ta' komunità⁴. Dan huwa espress b'mod partikolari fl-Anness 4 dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ mill-2019 sal-2027. Barra minn hekk, ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ tal-14 ta' Ottubru 2021⁵ irrefera għar-rieżami tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2008.

³ [Testi adottati - L-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażaġh u fuq l-isport - l-Erbgħa, 10 ta' Frar 2021 \(europa.eu\)](#)

⁴ ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1-22.

⁵ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019-2021), COM/2021/636 final.

5. Il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet li tqajmu fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2008 għadhom kruċjali u nżammu f'din il-proposta. L-aġġornament tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2008 sar meħtieġ minħabba diversi żviluppi mill-2008 'l hawn. Żvilupp importanti huwa t-tnedija tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fl-2016 u l-ħolqien ta' skemi u azzjonijiet nazzjonali ġodda ta' volontarjat, anke b'elementi tranżnazzjonali⁶ li xi drabi joffru opportunitajiet simili ħafna għaż-żgħażaġh. L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ mill-2019 sal-2027⁷ stiednet lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, sabiex "ifittxu l-komplementarjetà u s-sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE u l-iskemi nazzjonali, reġjonali u lokali".

⁶ Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. L-attivitajiet ta' volontarjat jistgħu jsiru f'pajjiżi li mhumx fl-UE:
- kif previst fl-Artikolu 7.2 tar-Regolament (UE) 2021/888, il-*"volontarjat taħt il-fergħa 'parteċipazzjoni taż-żgħażaġh f'attivitajiet ta' solidarjetà'" jista' jsir f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant ('il-volontarjat transfruntier') jew fil-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant ('il-volontarjat fil-pajjiż')*". Pajjiż għajr il-pajjiż ta' residenza tal-parteċipant jista' jkun pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew pajjiż parteċipant ieħor;
- kif previst fl-Artikolu 10.2 tar-Regolament (UE) 2021/888, *"il-volontarjat taħt il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja jista' jsir biss f'dawk ir-reġjuni tal-pajjiżi terzi li fihom...jitwettqu attivitajiet u operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja; u...ma jkun hemm għaddej ebda kunflitt armat internazzjonali jew mhux internazzjonali"*. Barra minn hekk, kif previst fl-Artikolu 2(3), il-parteċipazzjoni fil-Programm hija miftuħa wkoll għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu *"legalment fi Stat Membru, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż parteċipant ieħor skont dan ir-Regolament"*.

⁷ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:42018Y1218\(01\)&qid=1578414694481&from=MT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:42018Y1218(01)&qid=1578414694481&from=MT)

6. Evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2008⁸ identifikat il-ħtieġa ta' inklużjoni ta' persuni minn sfondi żvantaġġati bħala kwistjoni aktar urġenti fl-2015 milli kienet fl-2008. Ħtiġijiet oħrajn identifikati iżda mhux indirizzati mir-Rakkomandazzjoni tal-2008 kienu jinkludu l-assigurazzjoni tal-kwalità għal proġetti ta' volontarjat, opportunitajiet ta' bini tal-kapaċità għall-organizzazzjonijiet u monitoraġġ aħjar tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni. Grupp ta' esperti għamel aktar rakkomandazzjonijiet ta' politika⁹, li jkopru wkoll il-kondiviżjoni tal-għarfien u n-networking, l-aċċess għall-volontarjat, l-ostakli amministrattivi, is-sensibilizzazzjoni, ir-rikonoxximent, il-volontarjat diġitali u l-kuntest ambjentali, li informaw ir-Rakkomandazzjoni proposta.

⁸ Evaluation of the EU Youth Strategy and the Council Recommendation on the mobility of young volunteers (Evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġh u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobilità tal-voluntiera żgħażaġh), 2016.

⁹ "Promoting the mobility of young volunteers and cross-border solidarity, a practical toolbox for actors and stakeholders in the field of youth and recommendations for policymakers", żviluppat mill-grupp ta' esperti stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jappoġġa l-proċess ta' rieżami tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2008 dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġh, 2021 (ħidma mwettqa bejn Settembru tal-2019 u Settembru tal-2020).

7. Mill-2008 'l hawn, l-impatt tal-kriżijiet, pereżempju dawk li jfixxlu l-mobilità fiżika tranżnazzjonali tal-voluntiera, kien sever. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza li jiġu żgurati is-sigurtà, is-sikurezza u s-saħħa fiżika u mentali tal-parteċipanti kollha f'kull ħin, inkluż li jsiru dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tal-impatt potenzjali ta' ċirkostanzi mhux previsti. Barra minn hekk, għal żmien twil, il-kunċett ta' "volontarjat tranżnazzjonali" fil-prattika kien jirreferi esklużivament għal attivitajiet li jinvolvu l-mobilità fiżika tal-voluntiera. Madankollu, bil-progress teknoloġiku u taħt l-influwenza tal-pandemija tal-COVID-19, tfaċċaw xejriet ġodda ta' volontarjat. Il-volontarjat diġitali żvela l-potenzjal tiegħu li jikkomplementa l-mobilità fiżika jew li jkun forma ottimali ta' volontarjat għaż-żgħażagħ li mhumieq f'pożizzjoni li jivvjaġġaw fiżikament. Id-dimensjoni interġenerazzjonali tal-volontarjat uriet ukoll b'mod ċar kemm hi importanti biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi tas-soċjetà tagħna. It-tfassil dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima jinsabu fil-quċċata tal-aġenda politika tal-UE u jeħtieġ li jiġu riflessi f'attivitajiet li jinvolvu l-mobilità tranżnazzjonali.
8. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istabbiliment taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025¹⁰ enfasizzat l-importanza tal-inklużività, tal-kwalità u tar-rikonoxximent ta' esperjenzi transfruntieri skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Il-garanziji tal-kwalità tal-opportunitajiet u d-dispożizzjonijiet disponibbli għal appoġġ xieraq lill-parteċipanti f'kull stadju tal-esperjenza tagħhom tal-volontarjat jikkostitwixxu prerekwiżit għall-attivitajiet ta' volontarjat għall-benefiċċju tal-komunitajiet kif ukoll tal-voluntiera żgħażagħ.

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, COM(2020)625 final, disponibbli fuq [EUR-LEX - 52020DC0625 - MT - EUR-LEX \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu/lexuris/lexuris.do?uri=CELEX_32020DC0625_1_MT)

9. Fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-
edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), il-Kunsill
ikkonferma fil-qasam prijoritarju 1 tal-qafas strateġiku li "t-trawwim, il-valorizzazzjoni u r-
rikonoxximent tal-apprendiment mhux formali, inkluż il-volontarjat, u t-titjib tal-inklużività,
il-kwalità u r-rikonoxximent ta' attivitajiet ta' solidarjetà transfruntiera" hija kwistjoni
konkrete għall-azzjoni.
10. Waħda mill-ewwel diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom iż-żgħażaġħ interessati fl-esperjenza
tal-volontarjat tranżnazzjonali hija l-aċċess għal informazzjoni faċli għall-utent dwar l-istatus
u d-drittijiet tagħhom bħala voluntiera, fuq sit web nazzjonali ddedikat, sabiex ikunu jistgħu
jibdwu l-attività ta' volontarjat tranżnazzjonali tagħhom b'għarfien sħiħ ta' liema impatt ser
jkollha fuq id-drittijiet u l-intitolamenti tas-sigurtà soċjali tagħhom fl-Istat Membru ospitanti
kif ukoll fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom¹¹. Skont ir-Regolament (UE)
2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway
diġitali unika li tipprovdi aċċess għall-informazzjoni, għall-proċeduri u għas-servizzi ta'
assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi, il-Kummissjoni u l-Istati Membri diġà huma obbligati
jipprovdu l-informazzjoni online faċli għall-utent liċ-ċittadini tal-UE dwar id-drittijiet, l-
obbligi u r-regoli stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u f'dik nazzjonali fil-qasam tal-volontarjat fi
Stat Membru ieħor¹².

¹¹ Jenħtieġ li jiġi mfakkar li r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali jipprevedi
l-koordinazzjoni tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali, inkluż tal-benefiċċji tal-mard,
f'sitwazzjonijiet transfruntieri u japplika għall-voluntiera li jmorru minn Stat Membru għal
ieħor.

¹² ĠU L 295, 21.11.2018, p. 32, l-Anness I, it-Taqsima E. Implimentata permezz tal-portal "L-
Ewropa Tiegħek": [L-Ewropa Tiegħek \(europa.eu\)](https://europa.europa.eu)

11. Ħafna kwistjonijiet relatati mal-mobilità tranżnazzjonali ma jistgħux jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali biss, peress li l-attivitajiet jinvolve kemm l-Istati Membri li jibagħtu lill-voluntiera kif ukoll dawk li jospitawhom. L-oqfsa amministrattivi u legali dwar il-volontarjat jistgħu jvarjaw bejn l-Istati Membri. Informazzjoni komprensiva u adatta għaż-żgħażaġh relatata mar-regoli legali u amministrattivi nazzjonali li jirregolaw il-volontarjat, b'mod partikolari informazzjoni dwar il-kopertura tas-sigurtà soċjali kemm fl-Istati Membri li jibagħtu lill-voluntiera kif ukoll dawk li jospitawhom, hija importanti ħafna għaż-żgħażaġh li jixtiequ jinvolve ruħhom f'attività ta' volontarjat tranżnazzjonali.
12. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027¹³ tirrikonoxxi r-rwol tal-volontarjat fl-integrazzjoni u fl-inklużjoni ta' dawk b'inqas opportunitajiet. Għal ħafna minnhom, l-attivitajiet ta' volontarjat jistgħu jirrappreżentaw l-aktar għażla aċċessibbli biex jipparteċipaw fil-mobilità transfruntiera, speċjalment f'formati ta' volontarjat għal żmien qasir jew volontarjat fi gruppi jew timijiet.
13. In-nazzjonali ta' pajjiżi terzi jistgħu jiffaċċjaw ostakli amministrattivi u prattiċi għall-volontarjat transfruntier jekk ikollhom bżonn japplikaw għal viża għal żmien qasir jew twil jew għal permess ta' residenza għall-finijiet ta' servizz ta' volontarjat fi Stat Membru ieħor. Id-Direttiva (UE) 2016/801 tirregola l-kondizzjonijiet għall-kisba ta' viża għal żmien twil jew permess ta' residenza sabiex wieħed jiġi ammess fi Stat Membru tal-UE għall-finijiet ta' servizz volontarju. Madankollu, ma fihex dispożizzjonijiet dwar il-mobilità intra-UE ta' voluntiera minn pajjiżi terzi.

¹³ COM (2020) 758 final.

14. Esperjenza ta' volontarjat tipprovdi eżiti tal-apprendiment lill-voluntiera li jżidu l-impjegabbiltà tagħhom. Jeżistu oqfsa nazzjonali jew tal-UE (jiġifieri, il-Youthpass¹⁴ u l-Europass¹⁵) li jappoġġaw l-identifikazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-attivitajiet ta' volontarjat. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali¹⁶ stiednet lill-impjegaturi, liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jippromwovu u jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim miksuba fuq il-post tax-xogħol jew f'attivitajiet volontarji. L-evalwazzjoni¹⁷ tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012 identifikat oqsma fejn hija meħtieġa aktar azzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012, sabiex in-nies jingħataw aċċess għal aktar opportunitajiet ta' validazzjoni u opportunitajiet aħjar, li jippermettilhom jaċċessaw aktar apprendiment u li jużaw il-ħiliet tagħhom fis-soċjetà Ewropea u fis-suq tax-xogħol. Id-Deċiżjoni dwar il-Europass tas-18 ta' April 2018 tiddefinixxi l-voluntiera fost il-gruppi fil-mira tagħha.
15. L-iżviluppi l-ġodda mill-2008 'l hawn, l-evidenza dwar l-ostakli għall-volontarjat tranżnazzjonali u r-rakkomandazzjonijiet ta' politika ta' grupp ta' esperti rigward il-promozzjoni tal-mobilità ta' voluntiera żgħażaġh, jirrikjedu Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġdida dwar il-volontarjat, bil-għan li tiġi ffaċilitata u mtejbja l-kwalità tal-volontarjat tranżnazzjonali taż-żgħażaġh u jiġi mħeġġeġ l-apprendiment reċiproku, in-networking u s-sinerġiji bejn l-iskemi u l-attivitajiet ta' volontarjat fl-Istati Membri u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.
16. Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

¹⁴ Il-Youthpass huwa l-istrument prinċipali ta' rikonoxximent u ta' validazzjoni disponibbli għall-parteċipanti kollha tal-Erasmus+ u fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà sabiex jirrifletti l-proċess ta' apprendiment u jiddokumenta l-eżiti tal-apprendiment tagħhom fiċ-ċertifikat tal-Youthpass.

¹⁵ Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-ġħoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (il-Europass) u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42-50) tistabbilixxi qafas Ewropew li jappoġġa t-trasparenza u l-fehim tal-ħiliet u tal-kwalifiki miksuba f'ambjenti formali, mhux formali u informali, inkluż permezz ta' esperjenzi prattiċi, tal-mobilità u tal-volontarjat.

¹⁶ ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1-5.

¹⁷ [Evaluation of the EU Youth Strategy and the Council Recommendation on the mobility of young volunteers \(europa.eu\)](https://european-council.europa.eu/media/10000/EN/evaluation-of-the-eu-youth-strategy-and-the-council-recommendation-on-the-mobility-of-young-volunteers.pdf) (Evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġh u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobilità tal-voluntiera żgħażaġh), 2016.

JIRRIKONOXXI LI:

17. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, tintuża l-istess definizzjoni ta' "volontarjat" bħal dik użata fir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jiġifieri attività ta' solidarjetà li sseħħ, għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar, bħala attività volontarja mhux imħallsa¹⁸ li tikkontribwixxi għall-kisbiet tal-ġid komuni. Fejn l-iskemi tranżnazzjonali eżistenti fl-Istati Membri jipprevedu attivitajiet ta' solidarjetà li jdumu iktar minn 12-il xahar iżda mill-bqija jikkorrispondu mad-definizzjoni tal-volontarjat, dawn għandhom jitqiesu bħala volontarjat għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni u b'hekk jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.
18. Il-volontarjat taż-żgħażaġh skont din ir-Rakkomandazzjoni jinkludi l-volontarjat madwar l-UE minn nazzjonali tal-UE jew minn nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fi Stat Membru wieħed u li jmorru lejn Stat Membru ieħor għall-fini ta' servizz volontarju, skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jew kwalunkwe skema jew attività nazzjonali ta' volontarjat transfruntier fl-Istati Membri. Sa fejn ikun possibbli, l-azzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li jqisu wkoll l-attivitajiet ta' volontarjat bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' volontarjat ma jkollhomx effett avvers fuq impjeg bi ħlas potenzjali jew eżistenti, u jenħtieġ li lanqas ma jitqiesu bħala sostitut għal dan. It-termini "żgħażaġh" u "żgħożija" jkopru l-grupp ta' età ta' bejn it-18 u t-30 sena.
19. Żgħażaġħ b'inqas opportunitajiet tfisser żgħażaġh li għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew ta' saħħa, minħabba l-ambjent ta' migrazzjoni tagħhom, jew għal raġunijiet bħal diżabilità jew diffikultajiet edukattivi jew għal kwalunkwe raġuni oħra, inkluż raġuni li tista' tagħti lok għal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jiffaċċaw ostakli li jżommuhom milli jkollhom aċċess effettiv għall-opportunitajiet¹⁹.

¹⁸ Il-voluntiera ma jitħallsux għal ħinhom iżda jistgħu jkunu koperti l-ispejjeż li normalment ikunu limitati għall-ivvjaġġar, għall-ikel jew għall-akkomodazzjoni u/jew għal spejjeż personali żgħar oħra.

¹⁹ Ara l-istess definizzjoni fir-Regolament (UE) 2021/888, l-Artikolu 2(4).

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

Ikomplu jippromwovu l-volontarjat tranżnazzjonali fl-Ewropa u lil hinn minnha, filwaqt li jqisu kif xieraq l-oqfsa u l-leġislazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-attivitajiet volontarji, u l-prijoritajiet nazzjonali ġenerali tal-Istati Membri, l-opportunitajiet lokali eżistenti u r-reġimi tan-nefqa pubblika.

Għal dak il-għan, jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-linji ta' azzjoni li ġejjin:

20. Jikkunsidraw miżuri li jikkontribwixxu għal u li jmantnu qafas leġislattiv u ta' implimentazzjoni adegwat u ċar għas-saħħa, is-sikurezza u s-sigurtà tal-parteċipanti f'attivitajiet ta' volontarjat tranżnazzjonali billi:

- a) jiżguraw li l-voluntiera kollha jistgħu jibbenefikaw minn kopertura tas-sigurtà soċjali fi Stat Membru, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali;
- b) jappoġġaw l-organizzaturi involuti fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' volontarjat fl-iżgurar li hemm fis-seħħ proċeduri ċari u affidabbli sabiex jieħdu ħsieb u jassistu lill-voluntiera fl-eventwalità ta' kriżijiet, emerġenzi u ċirkostanzi oħrajn mhux previsti.

21. Jipprovdu informazzjoni aċċessibbli u jqajmu sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-voluntiera kif stipulat fil-qafas iddedikat stabbilit hawn fuq, b'mod partikolari billi:
- a) jiżguraw li hemm sit web nazzjonali, li jikkonforma mar-reqwiziti tad-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web²⁰, biex lill-voluntiera jagħtuhom informazzjoni Prattika, aċċessibbli u komprensiva relatata mar-regoli legali u amministrattivi nazzjonali li jirregolaw il-volontarjat u l-impatt tal-volontarjat fi Stat Membru ieħor fuq id-drittijiet u l-intitolamenti²¹ eżistenti u futuri tas-sigurtà soċjali tal-voluntiera (kemm għall-voluntiera li jkunu deġlin fl-UE kif ukoll għal dawk li jkunu ħerġin mill-UE);
 - b) jappoġġaw fornituri tal-informazzjoni għaż-żgħażaġħ permezz tat-tkeġġiġ tat-taħriġ fl-iżvilupp ta' informazzjoni adatta għaż-żgħażaġħ relatata mar-regoli legali u amministrattivi nazzjonali li jirregolaw il-volontarjat;
 - c) iħeġġu kollaborazzjonijiet ma' networks u servizzi stabbiliti bħall-ERYICA fl-iżvilupp ta' tali informazzjoni;
 - d) iħeġġu lill-organizzaturi ta' skemi u attivitajiet nazzjonali eżistenti ta' volontarjat transfruntier biex jindikaw is-siti web nazzjonali u Ewropej rilevanti²² li jinformaw lill-voluntiera dwar id-drittijiet, l-obbligi u r-regoli applikabbli tagħhom fir-rigward tal-volontarjat fi Stat Membru ieħor.

²⁰ Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku. ĠU L327, 2.12.2016.

²¹ Inkluż informazzjoni dwar il-proċeduri għall-applikazzjoni għal Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (EHIC) u informazzjoni dettaljata dwar dak li huwa kopert u dak li ma huwiex kopert mis-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa.

²² Il-portal multilingwi "l-Ewropa Tiegħek" skont ir-Regolament (UE) 2018/1724, ĠU L 295; it-Taqsima Wiki taż-Żgħażaġħ tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ; informazzjoni dwar il-portal Europa, eż. dwar l-EHIC: [Applikazzjoni għal karta - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

22. Itejbu l-kwalità tal-opportunitajiet ta' volontarjat billi jappoġġaw lill-organizzaturi tal-attivitajiet ta' volontarjat fl-isforzi tagħhom ta' bini tal-kapaċità. B'mod partikolari, dan jista' jinkiseb billi:
- a) iħeġġu lill-organizzaturi kemm fl-Istati Membri li jibagħtu lill-voluntiera kif ukoll f'dawk li jirċevuhom biex jikkooperaw, inkluż billi jipprovdu biżżejjed informazzjoni dwar l-attività ta' volontarjat, l-organizzaturi tagħha u l-voluntier, sabiex iż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni informata dwar is-sostenibbiltà tal-attività u jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit legali;
 - b) iħeġġu lill-organizzaturi tal-attivitajiet ta' volontarjat biex jagħmlu enfasi fuq il-kwalità, fost affarijiet oħrajn billi jibbażaw l-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' volontarjat fuq analiżi li tappoġġa l-ħtiġijiet identifikabbli u twassal għal eżiti ta' benefiċċju fil-komunitajiet lokali.
 - c) iħeġġu lill-organizzaturi ta' attivitajiet ta' volontarjat biex jagħmlu enfasi adegwata fuq id-dimensjoni tal-apprendiment tal-attivitajiet ta' volontarjat, inkluż apprendiment tal-lingwi fil-volontarjat tranżnazzjonali;
 - d) jappoġġaw lill-organizzaturi tal-attivitajiet ta' volontarjat f'użu aktar sistematiku u ġeneralizzat tal-oqfsa nazzjonali jew tal-UE eżistenti (jiġifieri l-Youthpass u l-Europass) sabiex jappoġġaw l-identifikazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-attivitajiet ta' volontarjat;

- e) jirrikonoxxu l-*ħidma* fost iż-*żgħażaġh* bħala promotur ewlieni ta' opportunitajiet ta' volontarjat u waħda mill-*għodod* prinċipali għall-iżvilupp tal-kwalità tal-attivitajiet ta' volontarjat fl-UE u b'dan il-mod tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-*Ħidma* fost iż-*Żgħażaġħ*²³;
- f) jippromwovu mobilità transfruntiera għal dawk attivi f'*ħidma* fost iż-*żgħażaġh* u fl-organizzazzjonijiet taż-*żgħażaġh*;
- g) jappoġġaw it-taħriġ tal-persuni li jaħdmu maż-*żgħażaġh* u l-organizzaturi ta' attivitajiet ta' volontarjat, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol ewlieni tagħhom fl-akkumpanjament u l-gwida tal-voluntiera *żgħażaġh* permezz ta' esperjenza ta' volontarjat ta' kwalità għolja;
- h) iħeġġu l-organizzaturi ta' attivitajiet ta' volontarjat tranżnazzjonali biex japplikaw għat-tikketta ta' kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
- i) jiżviluppaw u jippromwovu standards ta' kwalità ġenerali għall-volontarjat filwaqt li jiġu ispirati mis-sistema komprensiva ta' miżuri ta' kwalità, appoġġ, inklużjoni u ċertifikazzjoni li jinsabu fir-Regolament (UE) 2021/888²⁴, kull fejn ikun fattibbli fil-kuntest nazzjonali;
- j) jadottaw miżuri biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' volontarjat ma jwasslux għas-sostituzzjoni tal-impjiegi.

²³ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-*Ħidma* fost iż-*Żgħażaġħ* (2020/C 415/01).

²⁴ Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014 (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32).

23. Jiżguraw li l-aċċess għal attivitajiet ta' volontarjat tranżnazzjonali jkun opportunità realistika għaż-żgħażaġh kollha, anki għal dawk b'inqas opportunitajiet, inkluż billi:
- a) jappoġġaw il-ħolqien u/jew it-tħaddim ta' gateways nazzjonali u strutturi reġjonali u lokali, bħal infrastrutturi ta' ħidma fost iż-żgħażaġh u ċentri ta' informazzjoni għaż-żgħażaġh fejn jeżistu, li jipprovdu informazzjoni u gwida rigward l-opportunitajiet ta' volontarjat eżistenti, f'formati li jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, għall-voluntiera potenzjali żgħażaġh, inklużi ż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili/tas-solidarjetà, u għal partijiet ikkonċernati oħrajn fil-qasam. Dawn l-istrutturi jistgħu jinkludu networks tal-alumni (bħall-EuroPeers) u persuni lokali li jaħdmu maż-żgħażaġh, li bl-użu tal-kapaċità tagħhom jagħtu s-setgħa lil kandidati potenzjali tal-volontarjat u jappoġġawhom, u, fejn rilevanti, jistgħu jaħdmu flimkien mal-Aġenziji Nazzjonali li jimplimentaw il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
 - b) jiffaċilitaw l-aċċess għall-esperjenzi ta' volontarjat tranżnazzjonali għaż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet permezz tal-promozzjoni ta' informazzjoni mmirata u aċċessibbli u ħidma sabiex jintlaħqu n-nies minn organizzazzjonijiet u networks rilevanti²⁵, bħal Eurodesk u ERYICA, inkluż permezz tas-sensibilizzazzjoni rigward l-importanza tal-kompetenzi interkulturali u tal-apprendiment tal-lingwi bħala l-ewwel pass lejn il-mobilità tranżnazzjonali;
 - c) jiżguraw li l-organizzaturi ta' attivitajiet ta' volontarjat jiġu mħeġġa jippromwovu l-inklużjoni soċjali, inkluż billi jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli u xierqa li hija aċċessibbli għaż-żgħażaġh, b'mod partikolari dawk b'diżabilità;

²⁵ Ara l-Istrateġija għall-Inklużjoni u d-Diversità tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għal gwida dwar kif dan għandu jsir: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/implementation-guidelines-erasmus-and-european-solidarity-corps-inclusion-and-diversity_en

- d) jappoġġaw lill-organizzaturi ta' attivitajiet ta' volontarjat biex jiżviluppaw aspetti tal-inklużjoni taż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet għall-proġetti tagħhom²⁶, fost affarijiet oħra billi jpoġġuhom f'kontatt ma' esperti minn servizzi responsabbli mill-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali li jistgħu jappoġġawhom u jħarrġuhom;
- e) jipprovdu appoġġ immirat għall-iżvilupp ta' attivitajiet ta' volontarjat, li speċifikament jippromwovu l-inklużjoni, l-ugwaljanza u l-awtonomizzazzjoni ta' gruppi żvantaġġati jew gruppi friskju ta' diskriminazzjoni, filwaqt li jinċentivaw lill-voluntiera żgħażaġh minn dawn il-komunitajiet biex jinvolvu ruħhom fil-volontarjat u jaġixxu bħal multiplikaturi jew anke bħala mudelli tar-rwol fil-komunità tagħhom;
- f) jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet u lin-networks rilevanti fil-promozzjoni ta' attivitajiet ta' volontarjat lokali (inkluż formati fuq terminu qasir, part-time u fi gruppi) bħala l-ewwel pass potenzjali lejn il-parteeipazzjoni f'attivitajiet tranżnazzjonali, u jipprovdu appoġġ immirat addizzjonali għall-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' volontarjat li jindirizzaw liż-żgħażaġh li ma jistgħux jipparteċipaw f'mobilità tranżnazzjonali fiżika għal diversi raġunijiet, pereżempju billi jiġu offruti, fost affarijiet oħra, opportunitajiet ta' volontarjat diġitali;

²⁶ F'konformità mal-istrateġiji tal-UE għall-ugwaljanza u l-oqfsa ta' politika ta' inklużjoni mmirati lejn gruppi speċifiċi diskriminati u żvantaġġati, li ġew adottati fl-2020 u l-2021: Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (COM(2020) 565 final, 18/09/2020), il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteeipazzjoni (COM(2020) 620 final, 07/10/2020), l-Istrateġija għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ (COM(2020) 698 final, 12/11/2020), il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni (COM(2020) 758 final, 24/11/2020), l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (COM(2021) 101 final, 03/03/2021).

- g) jippromwovu aktar l-għodod tranżnazzjonali eżistenti li jistgħu jiffaċilitaw il-mobilità taż-żgħażaġh, bħall-kards ta' mobilità, u jhegħgu l-użu tagħhom fl-attivitajiet kollha ta' volontarjat tranżnazzjonali²⁷;
- h) isolvu, fejn ikun possibbli u mingħajr preġudizzju għall-acquis ta' Schengen u d-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi, kwistjonijiet amministrattivi u prattiċi li jgħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u/jew permessi ta' residenza għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' servizz volontarju.

²⁷ Din diġà kienet prattika tajba ta' dak li qabel kien is-Servizz Volontarju Ewropew; issa l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprevedi Karta Ewropea għaż-Żgħażaġħ għal kull voluntier mingħajr ħlas.

24. Iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-attivitajiet ta' volontarjat, permezz ta' informazzjoni, gwida u attivitajiet għall-pubbliku, inkluż billi jiġu involuti parti kkonċernati nazzjonali fl-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjiegi, is-servizzi soċjali u s-setturi taż-żgħażaġh. Jieħdu ħsieb partikolari li ż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet jintlaħqu b'mod ekwu. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-fatti li:
- a) l-attivitajiet ta' volontarjat jipprovdu mod konkret liż-żgħażaġh biex jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà u juru solidarjetà ma' nies f'sitwazzjoni vulnerabbli;
 - b) esperjenza ta' volontarjat ittejjeb l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali taż-żgħażaġh, u tgħinhom jiżviluppaw kompetenzi li huma meħtieġa u apprezzati mis-suq tax-xogħol;
 - c) jeżistu oqfsa li jappoġġaw l-identifikazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-validazzjoni ta' eżiti tal-apprendiment tal-attivitajiet ta' volontarjat (inklużi l-Youthpass u l-Europass).

25. Jappoġġaw u jippromwovu attivitajiet ta' bini ta' komunitajiet relatati mal-volontarjat. Dan jinkludi:

- a) li jħeġġu fuq livell nazzjonali t-tħaddim ta' networks ta' voluntiera, speċjalment ta' dawk li jieħdu sehem f'attivitajiet li għandhom viżjoni fit-tul, jiġifieri li ma jkunux marbuta mat-tul ta' żmien ta' proġetti individwali jew limitati minnu;
- b) li jippromwovu networks Ewropej eżistenti marbuta mal-volontarjat, b'mod partikolari n-Network Ewropew ta' Solidarjetà u l-Europeers, kif ukoll riżorsi u pjattaformi oħrajn aċċessibbli permezz tal-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ;
- c) li jħeġġu lil voluntiera preċedenti jaqsmu l-esperjenzi tagħhom permezz ta' networks taż-żgħażaġh, ta' stabbilimenti edukattivi u workshops fi rwoli ta' ambaxxaturi jew bħala membri ta' network, u jħarrġu voluntiera attwali jew futuri;
- d) li jħeġġu lill-organizzaturi tal-attivitajiet ta' volontarjat biex jappoġġaw lill-voluntiera fl-integrazzjoni tagħhom fil-komunità ospitanti matul l-attività tagħhom u meta jkomplu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' volontarjat wara li jirritornaw f'pajjiżhom, b'enfasi speċjali fuq l-akkumpanjament ta' żgħażaġh b'inqas opportunitajiet.

26. Jesploraw xejriet ġodda u dimensjonijiet u formati alternattivi tal-volontarjat, inkluż permezz:
- a) tal-promozzjoni, l-ittestjar tal-formati u l-ġbir tal-evidenza dwar il-volontarjat diġitali, f'kuntest tranżnazzjonali, bħala komplement għall-mobilità fiżika jew anke bħala format awtonomu tal-attivitajiet ta' volontarjat;
 - b) tar-rikonoxximent tal-valur tal-volontarjat interġenerazzjonali u l-promozzjoni tiegħu bħala kontribut siewi għall-isfidi ffaċċjati minn soċjetà li qiegħda tixjieħ, kif ukoll bħala mod kif iż-żgħażaġh jiġu involuti fi djalogu interġenerazzjonali, li jiffaċilita t-trasferiment tal-għarfien interġenerazzjonali u jtejjeb il-koeżjoni soċjali.
27. Joħolqu sinerġiji, komplementarjetajiet u kontinwità bejn skemi ta' volontarjat u attivitajiet eżistenti fil-livell Ewropew u f'diversi livelli fi Stati Membri individwali. Dan jinkludi, pereżempju:
- a) l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri dwar skemi ta' volontarjat eżistenti, inkluż skemi u attivitajiet nazzjonali ta' servizz ċivili, fejn jeżistu, u t-trażmissjoni ta' tali informazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-pubblikazzjoni tagħha fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-Wiki taż-Żgħażaġħ, u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki;
 - b) il-kunsiderazzjoni ta' miżuri li jippromwovu u jappoġġaw it-trasferiment tal-aħjar prattiki bejn skemi u attivitajiet ta' volontarjat.

28. Jappoġġaw attivitajiet ta' volontarjat li jagħtu kontribut sinifikanti għall-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent, billi:
- a) jinkoraġġixxu l-integrazzjoni ta' prattiki ekoloġiċi fil-proġetti u fl-attivitajiet kollha ta' volontarjat, kif ukoll jippromwovu mgħiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteciċipanti u l-organizzazzjonijiet parteciċipanti;
 - b) jippromwovu t-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' volontarjat, pereżempju billi jnaqqsu l-iskart, billi jirriċiklaw u, kull meta possibbli, billi jużaw mezzi sostenibbli tat-trasport;
 - c) jippromwovu l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' volontarjat li jindirizzaw is-suġġetti tal-protezzjoni ambjentali, tas-sostenibbiltà, tal-għanijiet klimatiċi u tal-prevenzjoni u l-irkupru tad-diżastri.
29. Jinkludu informazzjoni dwar il-progress fis-segwitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'aġġornamenti regolari magħmula skont l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, b'mod partikolari bħala parti mill-Wiki taż-Żgħażaġħ.

B'DAN JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

30. Tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki bejn l-Istati Membri dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-ostakli li jistgħu jipprevjenu liż-żgħażaġh milli jipparteċipaw fil-volontarjat, pereżempju permezz ta' attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari, gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni jew il-Pjattaforma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.
31. Tappoġġa lill-Istati Membri jsegwu din ir-Rakkomandazzjoni permezz tal-mekkaniżmi u l-għodod ta' kooperazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ u l-programmi tal-UE għaż-żgħażaġh, b'mod partikolari l-Korp Ewropew ta' Solidarjeta.
32. Tiffaċilita l-apprendiment reċiproku u l-iskambji fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha f'diversi livelli permezz ta' attivitajiet bħall-apprendiment bejn il-pari, il-konsulenza bejn il-pari, il-gruppi ta' esperti, in-networking u strutturi oħrajn ta' kooperazzjoni, inkluż b'enfasi fuq sinerġiji u komplementarjetajiet bejn l-iskemi jew attivitajiet fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali, inkluż skemi nazzjonali ta' servizz ċivili, fejn jeżistu. Għal dan il-għan, taġhmel użu mill-ispazji eżistenti bħall-Wiki taż-Żgħażaġħ u l-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ fejn ir-riżorsi u l-għarfien jistgħu jiġu kondiviżi fost l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) f'livelli differenti.
33. Tesplora xejriet u formati ġodda tal-volontarjat li jirrispettaw il-prinċipji bażiċi għall-opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni, l-aċċessibbiltà, l-inklużività u kwalità għolja tal-attivitajiet, permezz tal-ġbir tal-evidenza, l-iżvilupp tal-aħjar prattiki u t-tnejjja ta' gwida u manwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-volontarjat diġitali jew imħallat u l-volontarjat interġenerazzjonali.

34. Tippromwovi u xxerred l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet Ewropej għall-volontarjat taż-żgħażaġh, b'mod partikolari għal persuni b'inqas opportunitajiet, permezz tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, li fih l-għodda ta' reġistrazzjoni għall-attivitajiet ta' solidarjetà skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. B'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tinkludi links għas-siti web nazzjonali rilevanti fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġh²⁸.
35. Tkompli tiżviluppa, tippromwovi u tipprovdi appoġġ għall-użu ta' għodod eżistenti tal-UE li jappoġġaw il-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment mhux formali u informali, b'mod partikolari l-Youthpass u l-pjattaforma tal-Europass, inkluż permezz ta' kredenzjali diġitali Ewropej għall-apprendiment.
36. Tappoġġa r-riċerka u l-ġbir tad-data dwar l-impatt fit-tul tal-attivitajiet ta' volontarjat u solidarjetà għall-individwi u għall-organizzazzjonijiet, kif ukoll fuq is-soċjetà, inkluż it-tagħlimiet u l-għarfien meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 dwar is-settur tal-volontarjat u t-tnejn tiegħu għal kriżijiet simili, permezz ta' studji, sħarriġ, statistika, riċerka u analiżi tad-data.
37. Tuża l-pjattaforma online Wiki taż-Żgħażaġħ sabiex tiġbor l-informazzjoni dwar il-progress tal-Istati Membri sabiex isegwu din ir-Rakkomandazzjoni.
38. Tirrapporta dwar l-użu ta' din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-kuntest tal-ħidma dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn minnha.

Din ir-Rakkomandazzjoni tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu,

*Għall-Kunsill
Il-President*

²⁸ B'informazzjoni prevista taħt il-punt 2 a) ta' din ir-Rakkomandazzjoni, kif ukoll informazzjoni dwar skemi jew attivitajiet nazzjonali ta' volontarjat.